SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 15/KA2/15

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/10 – 10/11/15** **56**

**Nru ta' seduti minn 12/07/10 – 10/11/15** **66**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/01/11 – 02/12/14** **06**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar il-Tlieta 10 ta' Novembru 2015.

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fil-5.00p.m.

1.03

| Isem | Kariga | Inizjali | Preżenza |
|---|---|---|---|
| Albert Bonello Ghio | Ċermen | ABG | Preżenti |
| Micheal La Rosa | Viċi Ċermen | MLR | Preżenti |
| Joseph Oliva | Membru | JO | Preżenti |
| Maria Dolores Falzon | Membru | MDF | Preżenti |
| Richard Scicluna | Membru | RS | Preżenti |
| Karl Gouder | Sindku | KG | Preżenti |
| Paul Spiteri | Segretarju Eżekuttiv | PS | Preżenti |
| Marilyn Cassar | Skrivana | MC | Preżenti |

1.04 Preżenza tal-Pubbliku :- (0)

1.05 Iċ-Ċermen ippresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kumitat mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fil-5 ta' Novembru 2015. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. *Co-option* ta' Membru
4. Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Settembru 2015
5. Laqgħa tal-lokalita'
6. Komunikazzjoni miċ-Ċermen
7. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets
9. Aġġornament tal-laqgħa

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 14/KA2/15 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti.

1.3.03 Il-Membru Maria Dolores Falzon ssekondat.

1.3.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**Rif. Nru. Korrispondenza**

P476 Talba mingħand is-Sur Philip Attard sabiex jarma *stand* tal-ikel fi Triq Dragunara.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif. Nru. P476**

2.02 Saret riferenza għat-talba mingħand is-Sur Philip Attard sabiex jarma *stand* tal-ikel fi Triq Dragunara. Ġie deċiż unanimament li l-Kumitat ma jsib l-ebda oġġezzjoni dment li jinħarġu l-permessi kollha meħtieġa pero il-permess għandhu jinħareġ għall Novembru u Diċembru biss. F'każ li jkun hemm xi oġġezzjoni jinħarġux aktar permessi.

## 3 *Co-option* ta' Membru

3.01 Iċ-Ċermen ippropona li jiġi *co-opted* is-Sur Richard Scicluna Numru ta' l-identita' 239241(M) li joqgħod My Nest Triq Paceville, Paceville.

3.01 Il-Kumitat qabel unanimament.

## 4 Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Settembru 2015

4.01 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville ġie ppreżentat b'kopja tar-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Settembru 2015 (Ara Appendiċi 'A').

4.02 Il-Viċi-Ċermen Micheal La Rosa u l-Membru Richard Scicluna waslu fil-5.13p.m.

4.03 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjegazzjoni ddettaljata ta' dan ir-rapport.

4.04 Il-Ċermen ppropona l-approvazzjoni tiegħu.

4.05 Il-Viċi-Ċermen Michael La Rosa ssekondah.

4.06 Il-Kumitat qabel unanimament.

## 5 Laqgħa tal-lokalita'

5.01 Ġie deċiż li l-laqgħa tal-lokalita' issir nhar il-Ħamis 28 ta' Jannar fis-6.00p.m. ġewwa l-Millenium Chapel.

5.02 Aktar il-quddiem għandha sir komunikazzjoni ma Fr. Hillary dwar din il-laqgħa

## 6 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen

6.01 Il-Kumitat Amministrattiv ġie nfurmat li Transport Malta ma aċċettax il-proposta li Triq il-Knisja sir *One Way* kontra.

6.02 Is-Sindku nforma lill-Kumitat dwar il-proġġett tal-ġbir tal-iskart f'Paceville.

6.03 Il-Kumitat informa lill-Amministrazzjoni li l-iskip ta' *Chivas Restaurant* baqghet hemmhekk.

## 5 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet

5.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom (Ara Appendiċi 'B').

5.02 Il-Viċi-Ċermen Micheal La Rosa ssekondah.

5.03 Il-Membru Joe Oliva u l-Membru Maria Dolores Falzon astjenew minħabba li ma jridux jieħdu responsabbilita' fuq il-pagamenti u minħabba li għandhom d-dubju fuq il-kwalita' tax-xogħol.

5.04 Il-pagamenti ġew approvati.

## 6 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheet minn nru. P365 sa' nru. P372 għall-approvazzjoni (Ara Appendici 'Ċ')

6.02 Il-Membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

6.03 Il-Membru Maria Dolores Falzon ssekondat.

6.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

## 7 Aġġornament tal-laqgħa

7.01 Ġie deċiż unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 19 ta' Jannar 2015 fil-5.00 p.m.

7.02 Il-laqgħa ntemmet fit-5.35p.m.

**Albert Bonello Ghio**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**